**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 457/2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**vs.**

**Lawrence Darmanin**

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil Lawrence Darmanin iben Grazio u Doris neè Farrugia, residenti no. 164, 'The Palms', Triq il-Bahrija, Zabbar, detentur tal-karta tal-identità 378771M imwieled Pieta' nhar l-20 t'Awwissu, 1971

U akkuzatu talli nhar id-29 ta' April, 2020, ghall habta ta' bejn l-ghaxra neqsin kwart ta' filghodu (0945hrs) u l-hdax ta' filghodu (1100hrs) gewwa Zabbar u f'dawn il-Gzejjer:

1) Ittanta li jhajjar ufficjal jew impjegat pubbliku sabiex jaghmel id-delitt imsemmi taht l-Artikolu 115 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta billi offrejt flus bl-skop sabiex l-istess ufficjal jew impjegat pubbliku jonqos milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel u dan bi ksur tal-Artikolu 120(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Akkuzat ukoll talli fl-stess dati, lok u cirkostanzi bhala persuna li ghandek licenzja biex izzomm jew biex ikollok f' idejk jew fuqek arma tan-nar jew munizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f' idejn haddiehor u dan bi ksur ta' l-Artikolu 47 (1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Akkuzat ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala detentur tal-licenzja taht xi disposizzjonijiet ta' dan l-Att dwar l-Armi naqas milli jhares il-pattijiet tal-licenzja jew kellu fil-pusses jew kien qed igorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux specifikati fil-licenzja mahruga lilu u dan bi ksur ta' l-Artikolu Art 52 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mil-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal- Pulizija u dan bi ksur ta' l-Artikolu Art 5(3) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenza taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 inqast li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenza.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2020 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu bil-miktub sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[2]

Rat li waqt l-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2020, l-imputat tenna li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[3]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-11 ta' Mejju 2021.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar l-10 ta' Mejju 2022.[5]

Rat l-istqarrija tal-imputat[6] li inghatat nhar l-20 t'Awwissu 2020 mill-Ispettur Elliott Magro fil-prezenza ta' PS 130 Roderick Farrugia. L-imputat kien assistit mill-Avukat Dr Alexander Paul Miruzzi LL.D, li kien prezenti ukoll waqt it-tehid tal-istqarrija.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

[1] Folio 15 ta' l-atti processwali
[2] Folio 11 ta' l-atti processwali
[3] Folio 15 ta' l-atti processwali.
[4] Fol. 56 ta' l-atti processwali
[5] Fol. 107 ta' l-atti processwali
[6] Fol. 19-21 ta' l-atti processwali.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna incidenza ta' allegat attentat ta' korruzzjoni ta' ufficjali tal-Pulizija fil-kuntest ta' investigazzjoni dwar uzu illegali ta' armi u ksur iehor ta' ligijiet regolanti l-armi tan-nar.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2020 xehed **L-Ispettur Elliot Magro**[7], stazzjonat fit-Taqsima kontra r-Reati Ambjentali, li spjega kif nhar id-29 t'April 2020, kien gie nfurmat minn PS 1030 Clinton Theuma li waqt spezzjoni fl-inhawi tal-Bidni, limiti ta' Haz-Zabbar, kienu ntlemhu zewg persuni qed jikkaccjaw. Wiehed minnhom, kif ra l-Pulizija, harab minn fuq il-post u mar jistahba filwaqt li l-iehor instab li kellu kollox regolari. Eventwalment, il-persuna li kien harab gie identifikat min-numru ta' registrazzjoni ta' vann li kien hemm fil-qrib u rrizulta li kien l-imputat Lawrence Darmanin. Dan gie mitkellem wara li gie moghti s-soliti drittijiet fejn innega li kien qieghed ghall-kacca dakinhar. Wara li saret

[7] Fol. 16-18 ta' l-atti processwali.

spezzjoni fir-residenza tal-imputat irrizulta li kien hemm zewg armi nieqsin mill-kollezzjoni. L-imputat allegatament hareg karta ta' €50 u prova jghaddiha lis-Surgent biex ma *"jparla xejn"*. Wara regghu marru fl-ghalqa u fuq indikazzjoni tal-imputat, instabu z-zewg armi mohbija gewwa frigg u guva tal-ghasafar rispettivament. Dawn l-armi kienu kkargati bi tlett skratac kull wahda. Hemm ukoll, l-imputat offra li jhallas lis-Surgent biex imewwet l-affari izda dan rega rrifjuta. Is-Surgent ikkonfiska l-armi u dawn gew konsenjati fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ix-xhud baghat ghall-imputat fl-20 t'Awwissu 2020, fejn wara li kkonsulta mal-Avukat Dr Miruzzi, l-imputat ma wiegeb ghall-ebda domanda ghajr li sahaq illi huwa ma kienx offra flus. Ix-xhud rega' xehed fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021[8] fejn huwa pprezenta sensiela ta' ritratti li juru l-armi in kwistjoni.

Fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021, ix-xhud esebixxa zewg settijiet ta' ritratti. Illi minn dawn ir-ritratti jirrizulta l-arma li giet ikkonfiskata kienet tat-tip Super X bin-numru ta' 18-M 1032 kif ukoll l-ohra tat-tip P Beretta bin-numru U41070E

Fi-seduta tal-11 ta' Mejju 2021[9], ix-xhud gie prodott in kontro-ezami. Iccara li ma kienx fuq il-post waqt li saru l-ispezzjonijiet relatati mal-kaz odjern izda kien f'kuntatt dirett ma PS 1030 Clinton Theuma u kien qed jaghtih l-istruzzjonijiet. Spjega li wara li kien gie mitkellem miz-zewg ufficjali dakinhar tal-allegati incidenti, ix-xhud kien ta struzzjoni li l-imputat jinheles u fil-fatt kien baghat ghalih diversi xhur wara sabiex ha l-istqarrija tieghu. Dan kien minhabba l-pandemija tal-Covid-19 li kienet qed tahkem partikolarment bil-qawwi f'April 2020. Iccara li filwaqt li z-zewg snieter in kwistjoni kienu gew ikkonfiskati, il-karta ta' €50 li allegatament giet offruta lill-ufficjali tal-Pulizija

[8] Fol. 53-54 ta' l-atti processwali.
[9] Fol. 60-71 ta' l-atti processwali.

ma gietx konfiskata ghaliex l-ufficjal tal-pulizija irifjuta li jacceta minghand l-imputat.

**PS 1030 Clinton Theuma**[10], stazzjonat fit-Taqsima kontra r-Reati Ambjentali, xehed fl-istess seduta. Ix-xhud ikkonferma r-rapport dwar l-okkorrenza. Spjega li hekk kif sejjhu lill-imputat u dan mar hdejn il-vann, wara li inghata d-drittijiet tieghu, stqarr mal-ewwel li filwaqt li ma kellux licenzja tal-kacca, huwa ma kienx qieghed jikkaccja. Wara saret spezzjoni fid-dar tal-imputat minn fejn irrizulta li kien hemm zewg snieter nieqsin. Ix-xhud spjega li hekk kif kienu qed jiccekkjaw l-armi, l-imputat prova jghaddilu karta ta' €50 filwaqt li hemzu u qallu *"isma minni, hudha, l-affarijiet hekk imorru"* u ghad li x-xhud irrifjuta, baqa' jinsisti diversi drabi. Kien hemm prezenti ukoll PC 47 Bernard Briffa li kien ghassa mal-bieb ta' barra.

Eventwalment l-imputat ammetta max-xhud li kien ghall-kacca u li s-snieter nieqsa kienu fil-fatt qieghdin l-ghalqa. Regghu marru fuq il-post u fuq indikazzjoni tal-imputat, is-snieter instabu – wiehed mohbi go guva u l-iehor mohbi f'kamra tal-ghalqa. Hemm ukoll, l-imputat prova jikkonvinci lix-xhud biex jiehu l-flus u jmewwet l-affari, u sahansitra qal li kellu flus ghall-ufficjal l-iehor prezenti ukoll. L-imputat qal ukoll max-xhud li f'dak iz-zmien ma kellux licenzja tal-kacca ghax kienet sospiza izda gieli kien johrog xorta. Ix-xhud ipprezenta ritratti tal-armi in kwistjoni, liema ritratti hadhom huwa stess.

Ix-xhud kien ukoll l-ufficjal li ghamel ir-rapport bin-numru tar-referenza NPS GHQ/ALE/99/2020[11] li kkonfermah fl-intier taghha u li fl-istess rapport hemm imnizzel dak kollu spjegat mix-xhud.

---

[10] Fol. 28-32 ta' l-atti processwali.
[11] Folio 8-10 ta' l-atti processwali

Fl-istess rapport hemm ukoll imnizzel li l-imputat qalilhom

*"Isma minni tparla xejn hu dawn ara ghandek 50 euro"*

*"Uwejja hudhom kif jaghmlu shabek l-ohrajn u ghalaq ghajnejk"*

*"Ejja ha ntikom 50 kull wiehed u ghalqu ghajnejkom"*[12]

Ix-xhud fi tmiem ix-xhieda tieghu pprezent zewg ritratti[13] li juru l-arma li nstabet kif ukoll ix-xena tal-post in kwistjoni. Ix-xhud esebixxa wkoll dokument li bih jindika li l-imputat kien inghata d-drittijiet legali kollha tieghu fejn fuq dan id-dokument jinsab isem u l-firma tax-xhud.[14]

Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021[15], ix-xhud gie prodott in kontro-ezami. Ikkonferma li kien hu li investiga l-kaz odjern u li hejja r-rapport relattiv. Rigward il-persuna l-ohra li kien hemm fl-ghalqa hdejn l-imputat qabel ma harab mill-ghalqa, ix-xhud ma kienx jaf il-konnotati tieghu izda sahaq li minhabba li kien gie spezzjonat ukoll, kienu ttiehdu d-dettalji tieghu dak il-hin u seta' jgibhom jekk ikun hemm bzonn. Sahaq li waqt li kienet qed issir spezzjoni ghall-armi fir-residenza tal-imputat, dan kien offra karta ta' €50 u qal *"din ghalik, hudha, isma' minni"* u cahad li kienet mitwija ma xi karti ohrajn li kienu fis-*safe* tal-armi.

**PC 47 Bernard Briffa**[16], gia stazzjonat fit-Taqsima kontra Reati Ambjentali, xehdet fl-istess seduta. Ix-xhud kien prezenti fl-ispezzjoni fl-inhawi tal-Bidni flimkien ma PS 1030 Clinton Theuma u tista' tghid ikkorrobora dak kollu li xehed ix-xhud appena msemmi. Kien prezenti ukoll fil-mument li l-imputat gie

[12] Folio 9 ta' l-atti processwali
[13] Dok CT2, Folio 34 ta' l-atti processwali
[14] Dok CT1, Folio 33 ta' l-atti processwali
[15] Fol. 73-87 ta' l-atti processwali.
[16] Fol. 35-38 ta' l-atti processwali.

moghti d-drittijiet tieghu u mitkellem fuq il-post kif ukoll waqt li saret spezzjoni fir-residenza tal-istess imputat. Ix-xhud stqarr li waqt li l-kollega tieghu PS 1030 Clinton Theuma kien qed jiccekkja l-armi, innota li kien hemm karta ta' €50 ma senter minnhom u mir-reazzjoni tal-kollega tieghu, induna li l-imputat kien offra l-flus. Stqarr li kien sema lil PS 1030 Clinton Theuma jghid lill-imputat *"x'minghalik li ha taghmel?...mela jien korrott?"* u ma dak il-kliem, l-imputat bhal qisu staha u hmar.

Wara, l-ispezzjoni kompliet fl-ghalqa fejn kienu originarjament, u hemm instabu zewg snieter li kienu nieqsin mill-kollezzjoni fir-residenza. Sewwasew wiehed kien mohbi gewwa frigg u iehor mohbi f'guva tal-ghasafar. Ix-xhud kompla jispjega li seta' jinnota li anke` meta marru l-ghalqa, l-imputat rega' pprova joffri l-flus lill-kollega tieghu. Iccara li l-unika darba li attwalment kien ra l-flus kien waqt l-ispezzjoni gewwa r-residenza izda induna li rega' kien hemm offerta fl-ghalqa mir-reazzjoni tal-kollega tieghu.

**RPC 3141 Janette Cicala**[17], stazzjonata fl-Ghassa ta' Haz-Zabbar, xehed fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021. Spjegat li minn ricerka li ghamlet, l-imputat ghandu registrati fuqu hames armi in forza ta' *Collector License B*, pero` l-licenzja ghal dik is-sena kienet ghadha mhux rinovata. Prezentat dokument konsistenti minn estratt mis-sistema tal-armi tal-Pulizija.[18] Illi minn dan id-dokument jirrizulta li tnejn mill-armi gew konfiskati bin-numru ta' l-arma U41070E u 18-M1032.

Ix-xhud giet riprodotta fis-seduta tat-12 t'Ottubru 2021[19]. Hija kkonfermat li z-zewg ulied subien tal-imputat, Wayne Darmanin u Neil Darmanin, it-tnejn ghandhom licenzji tal-armi fuq isimhom u produciet dokumenti li jikkonfermaw dan. Spjegat li li skont il-prassi stabbilita, meta persuna jkollu l-

[17] Fol. 41-42 ta' l-atti processwali.
[18] Dok JC1, Folio 44 ta' l-atti processwali
[19] Fol. 95-99 ta' l-atti processwali.

licenzja sospiza, l-armi registrati fuq ismu jigi kkonfiskati u mizmuma fil-*quartermaster stores*.[20] Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta li l-armi registrati fuq it-tfal ta' l-imputat, cioe Wayne Darmanin u Neil Darmanin huma tat-tip Armsan 20E24201 u Beretta SU002890.

**Karl Cauchi**[21], adett fil-*Wild Birds Regulation Unit (WBRU)*, xehed waqt l-istess seduta. Ikkonferma li matul ir-rebbiegha tas-sena 2020, iz-zmien in kwistjoni, l-imputat Lawrence Darmanin kellu l-licenzja tal-kacca sospiza. Il-licenzja kellha tinghata lura fil-31 ta' Jannar 2021. Dan ifisser li ghalkemm l-istagun tar-rebbiegha kien miftuh, l-imputat ma setax johrog ghall-kacca u permess mill-WBRU ma kellux. In sostenn ta' dan esebixxa dokumenti[22] li jindikaw lista ta' nies li kellhom il-licenzja taghhom sospiza u nstab li l-licenzja kienet sospiza fil-31 ta' Jannar 2019 ghal sentejn. Illi fuq dan id-dokument jirrizulta li din is-sospensjoni irrizultat minn sentenza moghtija kontrih.

F'dan ir-rigward l-Ispettur Elliot Magro esebixxa sentenza[23] moghtija nhar il-31 ta' Jannar 2019 mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fejn gie ordnat is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug lill-appellant taht ir-regolamenti LS504.71 (illum 549.42) u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perjodu ta' sentejn.[24]

**L-Ispettur Jurgen Vella**[25], stazzjonat fit-Taqsima tar-Rizorsi Umani tal-Pulizija, xehed waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2021. B'referenza ghas-sentenza ezebita a Folio22-27 ta' l-atti, ikkonferma li huwa kien l-Ufficjal Prosekutur f'dawn il-proceduri kontra l-imputat Lawrence Darmanin.

[20] Dok JC1-JC3, Folio 100-104 ta' l-atti processwali
[21] Fol. 45-48 ta' l-atti processwali.
[22] Dok KC1, Folio 49-52 ta' l-atti processwali
[23] Dok EM2, Folio 22-27 ta' l-atti processwali
[24] Folio 27 ta' l-atti processwali
[25] Fol. 58-59 ta' l-atti processwali.

**Joseph Revans**[26], in rapprezentaza tal-Agenzija Identity Malta, xehed fis-seduta tal-10 ta' Mejju. Ikkonferma li fl-indirizz 164, The Palms, Triq il-Bahrija, Haz-Zabbar hemm registrati Lawrence Darmanin, Jacqueline Darmanin, Wayne Darmanin, Neil Darmanin u Sarah Darmanin.[27]

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[28] ta' l-imputat ittiehdet nhar il-20 ta' Awwissu 2020, u cioe erba xhur wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Floriana, fl-ufficju ta' l-Ispettur Elliot Magro fil-prezenza ta' PS130 Rodrick Farrugia u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni, fejn fil-fatt, ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr. A. Miruzzi LLD li kien ukoll prezenti waqt l-interrogazzjoni.

Illi fl-istqarrija l-imputat ghazel li jiffirma l-istqarrija tieghu u ghazel li kwazi ma iwiegeb xejn ghad-domandi li sarulu hlief sabiex jichad li hu fl-ebda hin offra xi flus lill-ufficjal tal-pulizija.

Illi d-difiza pprezentat ukoll sensiela tar-ritratti.[29] Illi l-avukat difensur tenna li dawn ir-ritratti ittiehdu mill-imputat stess f'Marzu 2021. Madankollu fin-nuqqas li ghazel li jixhed dwar dan ir-ritratti l-imputat stess, din il-Qorti tista tistrih biss fuq id-dikjarazzjoni ta' l-avukat li qed jippatrocinjah.

Minn dawn ir-ritratti, jirrizulta dehra ta' sejf gewwa dar residenzjali fejn hemm mizmuma zewg armi kif ukoll flus kontanti. Mill-bqija hlief dak li jidher mir-ritratti l-Qorti m'ghandiex iktar informazzjoni dwar dak li jidher fihom.

---

[26] Fol.108 ta' l-atti processwali.
[27] Dok JR1, Folio 110 ta' l-atti processwali
[28] Dok EM1, Folios 19-21 ta' l-atti processwali
[29] Dok AM2, Folio 88 ta' l-atti processwali

**Ikkunsidrat**

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni jistriehu principalment fuq dak rapportat minn PS 1030 Clinton Theuma u PC47 Bernard Briffa li xehdu fid-dettal u b'mod konsistenti dwar l-avvenimenti li graw nhar id-29 ta' April 2020.

Illi d-difiza tenni li l-imputat ma inghatax id-drittijiet bil-miktub ma l-ewwel opportunita u per konsegwenza dak li hu seta qal qabel ma inghata d-drittijiet tieghu ma huiex ammissibli.

L-abbli prosekutur fit-trattazzjoni finali tieghu jaghmel referenza ghal dak li jghid l-artikolu 355AUG tal-Kodici Kriminali li jghid:

'*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u suffiċjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku. 67 (2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din ilpossibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*'

L-ufficjal prosekutur jishaq li l-artikolu 355AUG(1)(a) jipprovdi li d-drittijiet ta' suspettat jistghu jinghataw anke b'mod verbali. L-ufficjal prosekutur itenni li mill-provi hareg ampjament car mix-xhieda li kienu, b'mod immedjat, taw id-

drittijiet verbali lill-imputat u li sussegwentement ma l-ewwel opportunita kienu taw id-drittijiet bil-miktub. F'dan ir-rigward il-Qorti ezaminat sew ix-xhieda ta' PC47 Bernard Briffa u PS 1030 kif ukoll l-okkorenza li kienet saret fl-istess jum ta' l-incident.

Illi mill-istess okkorenza jirrizulta *"Dan kien certu Lawrence Darmanin ID: 3789771M fejn dan meta gie hdejn il-van tieghu inghata drittijiet kollha tieghu fejn rifjuta li jkellem avukat kif ukoll beda jinnega li kien ghall-kacca."*[30]

Illi din l-okkorenza saret dak in-nhar stess u ghalhekk dak dokumentat fl-okkorenza jista sahansitra jigi meqjus bhala primi noti. Illi minn ezami ta' dak li qalu x-xhieda jirrizulta wkoll li kkomfermaw li kienu tawh dan id-drittijiet.

Din il-Qorti a bazi tal-provi li tqis li l-imputat kien inghata d-drittijiet tieghu qabel ghamel xi dikjarazzjoni jew ohra, u dak il-hin, ghazel li ma jikkonsultax avukat. Il-Qorti ghalhekk m'ghandhiex dubji u tqis ix-xhieda tal-ufficjali relattivi bhala wahda verosimili.

Ghaldaqstant il-Qorti sejra tghaddi sabiex issib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni.

Issa dwar din l-imputazzjoni, l-artikolu 120 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

> ***120.*** *(1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, 116, 117 u 118, il-persuna li tikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ, titqies li hija kompliċi.*

[30] Folio 9 ta' l-atti processwali

*(2) Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin:*

*Iżda meta d-delitt huwa dak imsemmi fl-artikolu 117(ċ), il-piena ma tistax tkun iżjed minn tmintax-il xahar priġunerija.*

*(3) Meta l-membru tal-Kamra tad-Deputati ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dak il-membru biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa erba' snin.*

Issa dak li gie provat li l-imputat ittanta jaghmel huwa dak kontemplat taht l-artikolu 115 (1) (b) tal-Kodici Kriminali li jghid hekk:

***115.** (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;*

Illi ghalhekk, minn qari ta' dawn id-disposizzjonijiet jirrizulta li d-disposizzjoni applikabbli hija proprju l-artikolu 120 (2) tal- Kodici Kriminali minghajr l-applikazzjoni tal-*proviso*.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra, l-argument principali mressaq mid-difiza huwa dwar in-natura tal-mod kif inhuma mressqin t-tieni sal-hames imputazzjonijiet. It-tieni sal-hames imputazzjoni jirreferu ghat-test li persuna *ghandha licenzja* taht xi disposizzjoni ta' l-artikolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-difiza itenni li fil-jum in kwistjoni ma jistax jinghad li l-imputat kellu licenzja ghaliex bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-31 ta' Jannar 2019 esebita mill-prosekuzzjoni jirrizulta li fil-jum in kwistjoni din il-licenzja kienet sospiza u dan bhala parti mill-piena ta' l-istess sentenza. La darba, il-licenzja ta' l-imputat kienet sospiza ma jreggix li jinghad li l-imputat kellu licenzja u li, b'ghemilu, ghamel xi att li kiser xi obbligu ta' *dik* il-licenzja.

Il-Qorti rat l-artikolu 5(1) u l-artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta:

*5(1). Minghajr pregudizzju ghad-dispozizzjonijiet l-ohra ta' dan l-Att, hadd ma ghandu jzomm f'xi fond jew ikollu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew igorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr ma jkollu licenzja taht dan l-Att.*

*51(2) Kull minn jikser l-artikolu 5(1) ikun hati ta' reat u jista' meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin:*

Illi Qorti taghmel referenza ghal l-artikolu 53 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

*Kull min juza licenzja mahruga lil xi persuna ohra taht id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att, jew xi licenzja li ma tkunx ghadha fis-sehh, **jew li tkun giet sospiza**, jew revokata taht dan l-Att ikun hati ta' reat taht dan l-Att, u jista', meta jinsab hati, jehel multa ta' mhux inqas minn sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (698.81), izda mhux izjed minn elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u*

*tletin centezmu (2,329.37), jew il-piena ta' prigunerija ghal mhux inqas minn tliet xhur u mhux izjed minn hames snin, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.*

[enfasi tal-Qorti]

Jidher ghalhekk li l-istess ligi tipprovdi ghal- sitwazzjonijiet meta persuna taghmel uzu minn licenzja li tkun giet sospiza u m'ghadhiex attiva. Il-ligi ghalhekk taghmel distinzjoni cara bejn sitwazzjoni fejn persuna twettaq ghemil projbit "*minghajr ma jkollu licenzja*" u ghemil ta' persuna li biha tuza licenzja "*li tkun giet sospiza*". Dan ifisser li l-ligi nfisha tqis li r-reati huma distinti, min-naha l-wahda ghal ghemil fejn persuna hija <u>priva mil-licenzja mehtiega</u>, u min-naha l-ohra, ghal ghemil fejn persuna *ghandha* licenzja ghal dak li wettqet, izda li fil-perjodu relevanti tkun sospiza mill-awtoritajiet kompetenti.

Issa f'dan il-kaz m'hemm dubju u lanqas ma huwa kkontestat li l-licenzja ta' l-imputat kien sospiza fiz-zmien mertu ta' l-incident u dan huwa anke ipprovat bis-sentenza esebita mill-istess prosekuzzjoni.

Madankollu l-prosekuzzjoni ghazlet li tressaq lill-imputat bi ksur tal-artikolu 47 (1), 52, 5 (3) u 27 (1) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta. ksur ta' l-uzu effettiv tal-licenzja u qatt tali ghamel uzu minn licenzja sospiza.

L-artikolu 52, jitkellem dwar "**Detentur ta' licenzja taht xi dispozizzjoni ta' dan l-Att li jonqos milli jhares il-pattijiet tal-licenzja...jew li jkollu pussess jew ikun igorr xi arma tan-nar jew munizzjon mhux specifikati f'dik il-licenzja...**". L-artikolu 5 (1) (u mhux 5 (3)) jitkellem dwar agir "**minghajr ma jkollu licenzja taht dan l-Att**". L-artikolu 27 (1) imbaghad jitkellem dwar kundizzjonijiet "**li tahthom id-detentur ta' licenzja jkun jista' jakkwista, jittrasferixxi, izomm jew ikollu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolari u munizzjoni**".

Mill-banda l-ohra, pero', l-artikolu 47 (1) tal-Kap. 480 jghid hekk:

*47. (1) Negozjant* ***__jew persuna oħra__*** *li jkollha liċenzja biex takkwista* ***__jew ikollha fil-pussess tagħha xi arma regolari jew munizzjon għandhom iżommu dawk l-oġġetti fil-kustodja tagħhom b'tali mod li dawn ma jiġux f'idejn ħaddieħor__***.

A differenza tad-disposizzjonijiet l-ohra, dan ir-reat jispicefika li l-effetti tieghu jolqtu **__ukoll__** sitwazzjoni fejn "persuna ohra" (mhux necessarjament negozjant) merament "*ikollha fil-pussess taghha xi arma regolari jew munizzjon*". Din id-distinzjoni hija cara bl-uzu tal-kelma "**__jew__**" u ghalhekk, f'dan ir-reat biss, il-fattispecie provati f'dan il-kaz japplikaw ghall-ghemil tal-imputat stante li gie pprovat li l-imputat ma zammx l-armi u l-munizzjoni li bihom kienu kkargati f'post sigur kif trid il-ligi. Ghalkemm id-difiza jidher li anticipat din id-diffikulta', tant li ezebiet ritratti li fihom jidher "*safe*" – dan mhuwiex bizzejjed. L-armi nstabu (wara li gie indikat mill-imputat stess lill-ufficjali tal-pulizija) f'postijiet li certament ma jikkwalifikawx bhala mizmuma u maqfula b'mod sigur u separat kif trid il-ligi.

Stante li din id-dispozizzjoni (art. 47 (1)) taqa' taht Taqsima IX tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, japplika l-artikolu 51 (8) tal-istess ATt, li jgorr piena ta' multa mhux inqas minn €232.94 jew prigunerija mhux izjed minn sitt (6) xhur, jew dik il-multa u prigunerija flimkien.

Filwaqt li jista jkun li fil-mument li ressquh u tul l-investigazzjoni dan il-fatt ma kienx maghruf u b'hekk il-prosekuzzjoni ma setghetx tkun taf b'dan is-stat ta' fatt ma jistax jinghad li dan il-fatt baqa tul is-smiegh tal-proceduri. Kien propju l-prosekuzzjoni li pprezentat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell li turi li l-imputat kellu l-licenzja sospiza u ghaldaqstant kellha kull opporuntita li tirregola ruhha f'dan ir-rigward. Il-prosekuzzjoni f'ebda stadju ma talbet sabiex jigu pprezentati akkuzi mill-gdid jew li jizdiedu akkuzi ohra.

Minn dak li rat u ezaminat il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni ma seghetx tressaq l-imputat skont l-artikoli 52, 5 u 27 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex fil-hin ta' l-incident kellu l-licenzja sospiza u kellha minflokk tikkonsidra li tressqu skont l-artikolu 53 ta' l-istess Att. Ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati, l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-artikolu 47 (1) tal-Kap. 480 tal-ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant stante li dawn il-imputazzjonijiet ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi sejra tghaddi sabiex tilibera lill-imputat mit-tielet sal-hames imputazzjonijiet dedotti kontrih.

**Ikkunsidrat**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputat.[31] Il-fedina penali ta' l-imputat ghalkemm mhux wisq allarmanti, tindika li kien hemm okkazjonijiet precedenti fejn l-imputat xellef difrejh mal-ligi f'dak li jirrigwarda l-uzu tal-armi tan-nar, il-kacca u l-insib.

- Id-difiza tenniet ukoll li ghalkemm l-armi gew konfiskati kemm il-darba dawn ma gewx esebiti ghandhom jergghu jigu rrilaxxati lura a favur l-imputat. Mill-atti jirrizulta li meta l-armi gew konfiskati dawn gew mizmum fil-*quartermaster stores* gewwa l-kwartieri generali tal-pulizia. Il-Qorti rat dak li jipprovdi l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet li jaghmel tassativa fuq il-Qorti li ghandha tordna l-konfiska ta' l-armi bhala konsegwenza tal-piena. Imkien

[31] Folio 4-6 ta' l-atti processwali

minn l-istess ligi ma jirrizulta li konfiska hija necessarjament marbuta mal-fatt li jigu esebiti direttament fl-atti u lanqas ma jirrizulta li kien hemm f'xi hin tul il-proceduri kontestazzjoni dwar l-istess armi li gew konfiskati.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 115(1)(b) u 120(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 5(1), 5(3), 27(1), 47(1) u 52 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Lawrence Darmanin **mhux hati** tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni u minnhom tilliberah minn kull htija u piena, izda ssibu **hati** ta' l-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ghal piena ta' disa' (9) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tmintax (18)-il xahar millum u fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, tikkundannah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500).

Il-Qorti spjegat u fehmet lill-imputat bi kliem car il-konsegwenzi u r-responsabilita tieghu fir-rigward tas-sentenza sospiza skont l-artikolu 28A(4) u 28B tal-Kodici Kriminali.
Inoltre, din il-Qorti qeghda, ai termini tal-artikolu 56 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tal-armi tat-tip Super X bin-numru ta' 18-M 1032 kif ukoll l-ohra tat-tip P Beretta bin-numru U41070E, kif ukoll il-munizzjon li kien fihom.

Fl-ahhar nett, u ai termini tal-artikolu 57 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed tordna li l-licenzja tal-imputat tkun sospiza, u/jew tipprojbieh milli jkollu xi licenzja taht il-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tmintax (18)-il xahar millum.

**Mogħtija illum nhar il-15 ta' Diċembru, 2022 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Maġistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Reġistratur**